MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Avviz Numru. 52/2011

**Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru numru 201/10 fl-ismijiet**

**Go plc**

**Vs**

**Alan Blundell**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, Alan Blundell, wara li ppremetta illi b’sentenza moghtija fis-16 ta’ April 1999 fl-ismijiet *Maltacom plc vs Arthur Blundell(Avv Nru 2302/98)* l-imsemmi Arthur Blundell kien gie kkundannat ihallas €737.57.

Illi sussegwentement l-imsemmi Arthur Blundell miet.

Illi sussegwentement u a skorta ta’ din is-sentenza inhareg fil-konfront ta’ l-esponent li jigi t-tifel ta’ Arthur Blundell (Dok A).

Illi pero l-esponent flimkien ma’ hutu Karl Blundell u Sharon Blundell irrinunzjaw ghall-wirt u dan kif jirrizulta mill-anness dokument tal-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) (Dok B).

Illi kemm l-esponent u kif ukoll hutu qatt ma gew fil-pussess ta’ xi assi appartenenti lid-deciuius sa’ meta rrinunzjaw ghall-wirt u ghalhekk it-terminu kontemplat fl-artikolu 869 tal-Kap. 16 qatt ma beda jiddekorri.

Illi ghalhekk is-socjeta’ Go plc ma tistax tezigi l-hlas ta’ dan l-ammont mill-esponent.

Talab umilment l-esponent li din l-Onorabbli Qorti jogghobha, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet premessi u dan that dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat il-mandat in esami esebit mal-istess rikors a fol 3 u fol 4 tal-istess u markat Dok A kif ukoll id-dokument l-iehor anness ukoll mal-istess rikors a fol 5 u fol 6 tal-atti u markat Dok B.

Rat id-digriet Taghha prelimianri moghtija fit-28 ta’ Frar 2011 a fol 7 ibid u fit-22 ta’ Marzu 2011 a fol 22 ibid.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata a fol 8 u fol 9 tal-atti u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi b’risposta ghar-rikors ta’ Alan Blundell, is-sentenza moghtija fis-16 ta’ April, 1999 imsemmija fir-rikors ta’ Alan Blundell giet ikkonfermata fil-konfront ta’ Alan Blundell bhala eredi ta’ Arthur Blundell u dan ai termini tal-Artikolu 259 tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili u dan mill-Magistrat Silvio Meli permezz ta’ digriet tas-27 ta’ April, 2009 kopja annessa u mmarkata Dok GO1.

Illi t-talba fir-rikors giet notifikata lil Alan Blundell u dan ma rrispondiex/opponiex ghal-istess. Illi sussegwentement ghad-digriet imsemmi hawn fuq, is-socjeta' GO p.l.c. kitbet ittra interpellatorja lill-istess Alan Bludnell sabiex huwa jersaq ghall-hlas (kopja annessa mar-risposta u markata Dok GO2). Din l-ittra ghalkemm Blundell ircevieha lanqas din ma giet ikkontestata.

Illi tali nuqqas ta' kontestazzjoni da parti ta' Alan Blundell ghandu jkun ikkundsidrat bhala accettazzjoni tad-debitu u tas-sentenza/digriet.

Illi per konsegwenza tas-sentenza moghtija fis-16 ta' April 1999 kif konfermata f'April 2009, is-socjeta ' GO p.l.c. harget mandat ta' sekwestru bin-numru 201/10 (kopja annessa mar-rikors ta' Alan Blundell) fil-21 ta' Jannar 2010. Illi kien wara dan li l-ahwa Blundell irrinunzjaw ghall-wirt, meta missierhom miet fil-2004.

Illi fir-rikors numru 52/11 JAB, l-esponent indika illi huwa qatt ma gie fil-pussess ta' xi assi appartenenti lil missieru u ghalhekk it-terminu kontemplat fl-artikolu 869 tal-kap 16 qatt ma beda jiddekorri. Illi s-socjeta' GO p.l.c. ghandha dubji serji kemm dan seta' ma sehhx specjalment meta wiehed jista' facilment jinnota illi Alan Blundell ghadu jirresjedi fir-residenza ta' missieru. Allura possibbli li Arthur Blundell ma kellu xejn fil-post fejn kien jabita? Il-kirja tal-post stess milli jidher ghaddiet lil Alan Blundell u ghaldaqstant huwa ovvju li kien hemm xi forma ta' pussess da parti ta' Alan Blundell.

Illi barra minn hekk is-sekwestru bin-numru 201/10 gie mahrug u akkordat mill-Qorti qabel ir-rinunzja u ghaldaqstant ghandu jitqies li ghadu u ghandu jibqa' in vigore.

Ghaldaqstant is-socjeta' mittenti umilment titlob lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba ta' Alan Blundell.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti anenssi mal-istess risposta u a fol 10 u fol 12 tal-istess atti u markati Dok GO1 u Dok GO2.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-fatti in esami u li dwarhom ma tantx kien hemm kontestazzjoni, jidher li fis-16 ta' April 1999 permezz ta' sentenza moghtija fis-16 ta' April 1999 fl-ismijiet 'Maltacom plc vs Arthur Blundell' (Avviz nru 2302/98), Arthur Blundell kien gie kkundannat li jhallas is-somma ta' €737.57. Fl-17 ta' Lulju 2004 kien miet intestat Arthur Blundell li kien missier ir-rikorrenti. Dwar is-sentenza msemmija, jidher li s-socjeta' intimata u in esekuzzjoni taghha, ottjeniet il-hrug tal-mandat in esami kontra r-rikorrenti wara li skorrew aktar minn hames snin kif jdiher mid-dokument a fol 10 tal-atti u markat Dok GO1. In rigward l-istess mandat dan gie akkordat fit-22 ta' Jannar 2010. Sussegwentement, ir-rikorrenti u hutu, Karl u Sharon Blundell irrinunzjaw ghall-wirt tal-istess Arthur Blundell kif jdiher mill-vera kopja ta' nota presentata quddiem il-Qorti Volontarja fit-28 ta' Jannar 2010, ossija sitt (6) ijiem wara l-hrug tal-istes mandat.

Illi fis-seduta tas-6 ta' April 2011 kien xehed Alan Blundell u dan fil-qasir. Illi Arthur Blundell, missieru ma' halla, tista' tghid, xejn bhala propjeta mobbli jew immobbli, wara mewtu. Filfatt, il-post ta' residenza tieghu kien mikri lilu u, qabel ma miet l-istess kirja giet trasferita fuq isem ir-rikorrenti. Inoltre l-oggetti mobili, sitwati fl-istess post kienu jappartjenu lill-istess rikorrenti hlief ghal hwejjeg li nghataw bhala karita wara l-mewt ta' missieru.

Ikkunsidrat

Illi mill-lat legali, jkun opporutn li l-ewwel nett issir referenza ghall-artikolu 869 tal-Kodici Civili imsemmi fir-rikors promotur. Dan jghid illi l-persuni intitolati sabiex jirtu u li ghandhom il-pussess attwali tal-propjreta tal-eredita

jitilfu d-dritt li jirrinunzjaw ghall-eredita tad-‘decuius’ meta jiskadu tlett xhur mill-ftuh tas-successjoni jew minn meta saru jafu li l-wirt jmiss lilhom u kondizzjonijiet ohrajn. Fir-rikors promotur, jinghad illi r-rikorrenti u hutu qatt ma gew fil-pussess ta’ xi assi appartenenti lid-decuius sad-data tar-renunzja tal-wirt da parti taghhom. Dwar dan u fid-dawl u sfond tal-provi kif esposti jidher li il-pussess ta’ hwejjeg ta’ lbies li nghataw b’karita jista’ jigi konsiderat bhala pussess attwali ta’ propjeta kif hemm indiakt fl-artikolu citat u jindika li t-tfal tad-‘decuius’ agixxew <u>bhala eredi ta’ dan</u> billi ddisponew minn din il-proprjeta. Minhabba hekk l-artikolu in esami hu applikabbli f’dan il-kaz u ghalhekk kellu jopera l-artikolu 869 kif citat).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi gie pruvat illi, <u>madwar sitt snin wara l-mewt ta’ missierhom</u>, it-tfal tieghu, fosthom ir-rikorrenti, kienu irrinunzjaw ghall-eredita. Dan it-tul ta’ zmien jigi spjegat bil-fatt illi s-socjeta’ intimata damet madwar hdax-il sena sabiex tesegwixxi l-istess sentenza msemmija u dan madwar sitt snin wara li kien miet Arthur Blundell. Filfatt ir-rinunzja kienet saret <u>ftit granet wara</u> l-hrug u l-esekuzzjoni tal-istess mandat. Hawnhekk wiehed jrid jara jekk <u>renunzja ta’ wirt toperax o meno retro-attwament</u>. Hawnhekk jkun opportun illi jigi konsiderat illi b’digriet moghti <u>fis-27 ta’ April 2009</u>, il-Qorti kif diversament presjeduta, kienet laqghet t-talba tas-socjeta’ intimata sabiex l-imsemmija sentenza tkun tista’ tigi esegwita kontra r-rikorrenti (ara fol 8 sa fol 11 ibid). Fir-risposta tas-socjeta’ intimata (ara t-tieni (2) premessa a fol 8 ibid) jinghad li qabel ma gie dekretat dan ir-rikors kien gie notifikat lill-istess rikorrenti izda dan ma jidhirx illi, filfatt, sar. Inoltre jinghad illi fit-2 ta’ Novembru 2009 (ara fol 12 ibid) l-istess Alan Blundell kien gie interpellat sabiex jhallas l-ammont in kwistjoni permezz ta’ ittra legali. Apparti kull konsiderazzjoni dwar jekk din l-ittra waslitx ghand ir-rikorrenti, jinghad fl-istess risposta illi dan ma baghat l-ebda risposta in kontestazzjoni. Certament dan in-nuqqas ta’ twegiba ghal ittra interpellatorja ma jistax jigi konsiderat bhala xi forma ta’ ammissjoni da parti ta’ Alan

Blundell illi l-ammont in kwistjoni hu filfatt dovut minnu efffettivament.

Illi, dan premess u dwar il-kwistjoni jekk renunzja ta' wirt toperax retroattivament ir-rispsota ghal dan il-kwesit ghandha tkun fil-posittiv. Pero ghar-raguni kif hemm fuq premessa, ir-rikorrenti kellu d-dritt li jinnunzja ghal wirt ta' missieru skond l-artikolu 869 imsemmi izda dan ma sarx fiz-zmien tlett xhur kif stabbilit mill-ligi. Konsegwentement ir-rikorrenti ghandu jigi konsiderat bhala li accetta l-wirt ta' missieru.

Ikkunsidrat

Illi, pero, jirrizulta li r-rikorrenti ma kienx l-unika werriet. Difatti jidher li hu huwa ko-eredi flimkien ma zewg hutu. Dan jfisser illi l-mandat in esami ma ghandux jigi konsdierat bhala integru, peress li kellu jsir u jinhareg kontra hut ir-rikorrenti ukoll, tenut kont, ukoll illi f'dan il-kaz, ma hemm involuta l-ebda soliderjeta bejn il-werrieta.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkunsidra l-mandat in esami bhala validu. Ta' minn jirrileva ukoll illi jekk dan il-mandat jibqa' 'in vigore' jfisser illi wiehed, biss, mill-werrieta jkollu assi sekwestrati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u numru 201/10 waqt li l-ispejjes jibqghu minghajr taxxa bejn l-istess partijiet minhabba c-cirkostanzi kif hawn fuq esposti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------